# Il-flora u l-fawna tal-Mosta u l-inħawi

MINN SANDRO LANFRANCO B.ED. (HONS). M. SC.

## *Daħla*

❑ Il-biċċa l-kbira mill-lokalità tal-Mosta hija mgħottija minn żvilupp urban jew mill-agrikultura u għalhekk, mill-ambjent naturali oriġinali, baqa' biss ftit irqgħajja sporadiċi. Minkejja t-tħarbit u t-tibdil fl-ambjent li jġib miegħu l-iżvilupp, dawn l-irqgħajja huma sinjuri ħafna fil-biodiversità u joffru rifuġju għal pjanti u annimali li issa ntilfu mil-bqija tal-lokalità. Dawn ir-rifuġji iżolati xorta għadhom mhedda minn żvilupp li għadu għaddej u għalhekk għandhom jitqiesu bħala ambjenti vulnerabbli.

L-iktar ambjenti sinjuri fil-Mosta huma l-widien li jgħaddu minnha. Dawn il-widien (Wied Speranza, Wied il-Għasel, Wied is-Sir u Wied Filep) huma parti minn sistema ikbar ta' mogħdijiet li minnhom jgħaddi l-ilma li jinġabar fuq l-għoljiet tar-Rabat u Ħad-Dingli. Dawn il-mogħdijiet jibdew minn Wied il-Bużbież, li qiegħed wara r-Rabat, u jkomplu sakemm jgħaddu mill-Mosta biex fl-aħħar jiżvujtaw fl-inħawi tas-Salina. Il-kenn u l-ilma tal-widien joħolqu ambjent kemmxejn stabbli li jiġi kolonizzat minn pjanti u annimali li ma jinstabux f' inħawi oħra. Ambjenti oħrajn ta' valur ekoloġiku konsiderevoli li jinstabu lil hinn mill-widien jinkludu rqgħajja ta' art xagħrija, irqgħajja ta' steppa u għadajjar ta' l-ilma ħelu.

## *Il-Qigħan tal-Widien*

Matul l-istaġun tax-xitwa, l-ilma tax-xita li jinġabar fuq l-għoljiet tar-Rabat u Ħad-Dingli jgħaddi mill-widien tal-Mosta fi triqtu lejn il-baħar u għalhekk, il-qigħan ta' dawn il-widien ikollhom, imqar jekk għal ftit ġimgħat kull sena, l'ilma ġieri għaddej minnhom. Dawn il-mogħdijiet ta' l-ilma m'humiex dejjem kontinwi minħabba li t-telf ta' l-ilma jirriduċihom f'sensiela ta' għadajjar żgħar li jakkumulaw fil-ħofor u l-gandotti tal-qiegħ. Dan ifisser li l-annimali akkwatiċi li jinstabu fil-qigħan tal-widien jinkludu kemm dawk li għandhom bżonn ilma ġieri kif ukoll dawk li ġeneralment huma assoċjati ma' ilma qiegħed. Annimali tipiċi li jinstabu fil-qigħan jinkludu ż-żrinġijiet u l-imrieżeb tagħhom kif ukoll l-ostrakodi, gambli żgħar li għandhom qoxra li tgħatti l-ġisem kollu. Il-volum ta' l-ilma f'din is-sistema ta' widien huwa l-iktar għoli lejn il-bidu tagħhom, fl-inħawi tar-Rabat, u jonqos iktar ma' wieħed jersaq lejn il-Mosta. It-telf tal-ilma mill-widien tista' sseħħ minħabba diversi raġunijiet fosthom l-evaporazzjoni, it-traspirazzjoni mill-pjanti, id-dħul ta' l-ilma fil-ħażna tal-pjan u l-użu tiegħu mill-bniedem.

Il-biċċa l-kbira tal-qiegħ ta' Wied Speranza u l-qiegħ tal-qasam tal-Punent ta' Wied il-Għasel huma kolonizzati minn pjanti li huma meqjusa bħala tipiċi tal-mogħdijiet ta' l-ilma ġieri. Dawn jinkludu s-Simar tal-Boċċi (*Holoschoenus vulgaris*), is-Sogħda Komuni (*Carex divisa*), il-Bordi (*Cyperus longus*) u l-Qarsajja tal-ilma (*Rumex conglomeratus*). Dawn il-pjanti għandhom bżonn provista konsistenti ta' ilma ħelu u għalhekk ma jinstabux f'ambjenti oħrajn fil-lokalità. Fl-oqsma inqas niedja tal-qiegħ, jew fl-oqsma fejn kien hemm xi tħarbit mill-bniedem, sikwit jinstabu ħxejjex mhux speċjalizzati li jieħdu post il-pjanti karatteristiċi ta' dak l-ambjent. La darba l-pjanti speċjalizzati jintilfu, tkun diffiċli ħafna biex jiġu lura.



*Għansar Ikħal... speċi rari li tinstab Wied il-Għasel*

## *Il-ġnub tal-widien*

Il-ġnub tal-widien tal-Mosta huma mgħottija b'xagħri li, fil-każ ta' Wied il-Għasel, huwa sinjur ħafna fi speċi. Ix-xagħri huwa ambjent fejn l-ilma jkun nieqes matul in-nixfa tas-sajf u għalhekk bosta mill-pjanti li jikbru f'dan l-ambjent għandhom strutturi li jgħinuhom inaqqsu t-telf ta' l-ilma. Il-pjanti ewlenin fix-xagħri huma l-arbuxxelli, pjanti li jkollhom zokk baxx ta' l-injam li minnu joħorġu friegħi qosra. Il-weraq ta' dawn il-pjanti jkunu ġeneralment żgħar u xi kultant mħażżmin u miksijin b'lega ta' xama', kollha strateġiji li bihom il-werqa tnaqqas it-telf ta' l-ilma. L-iktar speċi

Għal paġna 86

*Minn paġna 85*

komuni fix-xagħri ta' Wied il-Għasel hija t-Tengħud tas-Siġra (*Euphorbia dendroides*), arbuxxell kabbari u ttundjat li jwarrad fir-rebbiegħa. Lejn tmiem ir-rebbiegħa, il-weraq ta' din il-pjanta jiħmaru u jaqgħu u z-zkuk tagħha jgħaddu xi ftit żmien għarwenin mill-weraq. Arbuxxelli oħrajn li jinstabu fix-xagħri ta' dawn l-inħawi jinkludu l-Erika (*Erica multiflora*), li tipproduċi fjuri roża fix-xitwa u s-Sagħtar (*Thymbra capitata*), li twarrad għall-ħabta ta' Ġunju. F'ambjent kiefer bħalma hu x-xagħri, xi pjanti jwaqqgħu l-weraq fis-sajf (biex ma jintilifx ilma) u jqattgħu ż-żmien tan-nixfa bħala basal fil-ħamrija. Pjanti li jinstabu f'Wied il-Għasel u li jużaw din l-istrateġija jinkludu l-Għansar (*Urginea pancration*), in-Narċis (*Narcissus tazetta*), il-Berwieq (*Asphodelus aestivuus*) kif ukoll l-Għansar Ikħal (*Scilla sicula*), li hija pjanta rari.

Mal-ġnub ta' Wied il-Għasel jinstabu wkoll bosta orkidej, pjanti żgħar iżda spettakolari li ġeneralment jwarrdu bejn Frar u Ġunju. Sa ftit għexieren ta' snin ilu, Wied il-Għasel kellu fih varjetà sħiħa ta' orkidej; huwa saħansitra maħsub li l-ispeċi kollha ta' orkidej tal-Gżejjer Maltin kienu jinstabu hemm. Minkejja t-tħarbit li ħoloq il-bniedem fl-aħħar snin xorta għadhom jinstabu varjetà kbira ta' orkidej f'dan il-Wied. Uħud mill-iktar frekwenti huma l-Orkida tat-Tikek (*Orchis conica*), l-Orkida Ħamra (*Orchis collina*), l-Orkida Tfuħ (*Orchis fragrans*) u l-Orkida Piramidali (*Anacamptis pyramidalis*). F'Wied il-Għasel tinstab ukoll l-Orkida Piramidali ta' Malta (*Anacamptis urvilleana*) li hija endemika għall-Gżejjer Maltin, jiġifieri tinstab hawnhekk biss u mkien iktar fid-dinja. Din ta' l-aħħar twarrad l-iktar f'Marzu meta tipproduċi fjuri żgħar li l-kulur tagħhom jista' jvarja minn abjad sa roża ċar. Jinstabu bosta speċi oħra ta' orkidej fil-widien tal-Mosta, fosthom id-Dubbiena (*Ophrys fusca*), in-Naħla (*Ophrys bombyliflora*) u l-Brimba Sewda (*Ophrys sphegodes ssp. melitensis*). Oħrajn li kienu jeżistu f'dawn il-widien sa xi żmien ilu issa nqerdu, fosthom il-Brimba (*Ophrys oxyrrhyncos*) u l-Orkida tal-Ilsien Kbira (*Serapias vomeracea*).

Mal-ġnub tal-widien jikbru xi speċi oħrajn ta' importanza kbira ħafna. Waħda minn dawn hija t-Tulliera (*Chiliadenus bocconei*), li hija endemika għall-Gżejjer Maltin (u li tidher fuq il-munita tal-ħamsin ċeteżmi). Tip ta' felċi (*Ceterach officinarum*) tikber biss f'Wied il-Għasel u madwar tliet postijiet oħra waqt li l-Putorja (*Puroria calabrica*) tikber biss f'Wied il-Għasel, Selmun u Kemmunett. Hemm saħansitra indikazzjoni li l-Putorja li tikber f'Wied il-Għasel tista'

*Għal paġna 87*

La Fragola
DOLCERIA CAFETERIA
• Pastry • Sweets • Ice Cream
• Hot Snacks • Tea & Coffee
• Wines & Spirits
*Il-propjetarji jawguraw il-festa t-tajba lill-Mostin kollha*
**Pjazza Rotunda, Mosta - Tel: 2141 8924**

**BONAVIA STORES LTD.**
BS
**Anglu Gatt Street, Mosta MST 09.**
**Independence Avenue, Mosta MST 02**
**Tel: 2143 0428 - 2143 2858 - 2143 0431-2**
**Fax: 2141 3140**
*LEADING IMPORTERS*
*OF GARAGE EQUIPMENT, TOOLS*
*& INDUSTRIAL MACHINERY*

*Minn paġna 86*

tkun razza ġdida.

***Il-makkja tal-widien***

Il-makkja hija komunità ta' pjanti dominata minn siġar żgħar u arbuxxelli kbar. Ġeneralment tikber fejn hemm ċertu ammont ta' ilma u fejn it-tħarbit ma jkunx frekwenti u minħabba f'hekk, l-iktar li tinstab huwa f'postijiet mhux aċċessibli u fejn jinġabar l-ilma bħalma huma l-qigħan ta' xi widien. F'xi partijiet tal-widien tal-Mosta il-makkja hija żviluppata sew bil-pjanti ewlenin jkunu l-Ħarrub (*Ceratonia siliqua*), iż-Żebbuġ (*Olea europaea*), it-Tin (*Ficus carica*), iż-Żagħrun (*Crataegus monogyna*) u d-Deru (*Pistacia lentiscus*). Jikbru fuq u bejn dawn il-pjanti kbar hemm pjanti oħrajn bħalma huma l-Għollieq (*Rubus ulmifolius*) u z-Zalza Pajżana (*Smilax aspera*) waqt lil-Ħannewija (*Acanthus mollis*) sikwit tinstab tikber bejn is-siġar u l-arbuxxelli.

***L-annimali tal-widien***

Il-fawna (l-annimali) li tgħix fil-widien tal-Mosta wkoll hija ta' importanza kbira. Bosta speċi ta' insetti huma magħrufin biss minn dawn l-inħawi. Tip ta' ġurat (*Conchocephalus conchocephalus*), tip ta' nemla (*Camponotus truncatus*), seba' tipi ta' ħanfus u erba' tipi ta' żnażan huma magħrufin biss minn Wied il-Qlejgħa u Wied Speranza. Tliet speċi ta' nemel jinstabu biss, jew jinstabu l-iktar, f'Wied il-Għasel. Waħda minn dawn l-ispeċi, in-Nemlu ta' Kemmuna (*Strongylognathus insularis*), hija kemm endemika kif ukoll rari ħafna u tinstab biss f'Kemmuna u f'Wied il-Għasel. Insetti oħrajn li jinstabu biss f'Wied il-Għasel jinkludu ħames speċi ta' żnażan, speċi waħda ta' naħla u sbatax-il speċi ta' ħanfus, fost ħafna oħrajn.

Barra l-insetti hemm bosta annimali oħra li jqattgħu ħajjithom kollha jew parti minnha fil-widien. Dawn jinkludu, fost ħafna oħrajn, is-Serp Iswed (*Coluber viridiflavus*), il-Gremxula ta' Malta (*Podarcis filfolensis maltensis*), il-Qanfud (*Erinaceus algirus*) u l-Kamalejont (*Chamaeleo chamaeleon*). Dan ta' l-aħħar m'huwiex indiġenu għall-Gżejjer Maltin; iddaħħal f'Malta fis-seklu dsatax (fi Gnien f'San Ġiljan), ħarbu xi ftit minnhom, infirxu, u l-Kamalejont issa jinstab f'kull parti ta' Malta u Għawdex. Mal-ġnub tal-widien jgħixu wkoll bosta speċi ta' bebbux ta' l-art iżda l-ebda wieħed minnhom m'huwa ristrett għall-widien tal-Mosta.

***Il-wesgħat tal-karst f'Tal-Wej***

L-inħawi ta' Tal-Wej, bejn il-Mosta u n-Naxxar, fejn hemm espost il-Qawwi ta' Taħt, huma karatterizzati minn wiċċ imsejjaħ karst. Il-ġebel karstifikat huwa miekul u mqatta', b'ħafna ħofor u xfur bil-ponta. Dan il-wiċċ aktarx ġie mnaqqax minn ilma aċiduż waqt li l-blat kien għadu miksi bil-ħamrija. L-ilma aċiduż joħloq reazzjoni kimika mal-minerali fil-ġebel tal-Qawwi, bir-riżultat li xi wħud minn dawn il-minerali jinħallu u jinġarru ma' l-ilma. Minħabba din l-erożjoni selettiva, il-blat jibda jitnaqqax u jitqatta' waqt li l-fdalijiet li ma nħallewx jibdew jakkumulaw bħala ħamrija.

Il-wesgħat tal-karst huma ġeneralment mimlijin ħofor żgħar, msejħin "kamenitza", li jimtlew bl-ilma matul l-istaġun tax-xita u jinxfu fir-rebbiegħa. Dawn l-għadajjar huma ġeneralment żgħar u ftit huma dawk l-għadajjar li t-tul jew il-wesgħa tagħhom jkun iktar minn żewġ metri jew tlieta. Il-fond tagħhom ivarja minn ftit ċentimetri sa madwar nofs metru waqt li l-biċċa l-kbira minnhom għandhom saff ta' ħamrija fil-qiegħ. Il-fond tas-saff ħamrija mhux dejjem xorta u jvarja minn kważi xejn sa madwar 15-il ċentimetru. Ħofor bħal dawn ġeneralment jimtlew bl-ewwel xita ta' l-istaġun għal ħabta ta' Settembru jew Ottubru u jibqgħu jżommu l-ilma sal-bidu tan-nixfa tas-sajf.

Il-wesgħat tal-karst f'Tal-Wej huma ambjenti b'valur ekoloġiku kbir, kemm minħabba x-xagħri u l-isteppa li jikbru hemm kif ukoll minħabba l-ħajja li tgħix fl-għadajjar ta' l-ilma ħelu.

L-isteppa hija komunità ta' pjanti magħmula prinċipalment minn ħxejjex erbaċi (mingħajr injam) u arbuxxelli żgħar. Il-pjanti ewlenin f'Tal-Wej jinkludu il-Ħipparenja (*Hyparrhenia hirta*), il-Bużbież (*Foeniculum vulgare*) kif ukoll arbuxxelli bħalma hija s-Sagħtar (*Thymbra capitata*). Bosta orkidej jinstabu wkoll f'Tal-Wej.

L-għadajjar f'Tal-Wej, u oħrajn bħalhom li jinstabu viċin ta' Wied il-Għasel, huma fost l-iktar ambjenti importanti fil-Gżejjer Maltin minħabba li l-biċċa l-kbira ta' l-annimali u l-pjanti li jinstabu fihom huma tant speċjalizzati li jgħixu biss f'għadajjar bħal dawn. Fost l-annimali speċjalizzati tal-għadajjar hemm il-Gamblu tal-Għadajjar (*Branchipus schaefferi*). Dan l-annimal jilħaq tul ta' 2-3ċm u jgħum daru 'l isfel u saqajh 'il fuq. Il-qdif tas-saqajn joħloq kurrent ta' ilma li jwassal partiċelli żgħar ta' ikel, fosthom detriti organiċi u algi, lejn ħalqu. Krustaċju ieħor li jinstab fl-għadajjar huwa l-Gamblu tal-Qoxra (*Cyzicus tetracerus*). Dan ukoll huwa żgħir (madwar 1ċm) u mgħotti b'qoxra li superfiċjalment tixbaħ dik ta' arzella. Dan l-annimal jqatta' l-biċċa l-kbira mill-ħin iħaffer fil-ħamrija tal-qiegħ ta' l-għadira jfittex partiċelli ta' l-ikel. Wieħed

*Għal paġna 88*

mill-iktar annimali rari fl-għadajjar tal-Gżejjer Maltin huwa l-Gamblu ta' l-Elmu (*Triops cancriformis*). Dan il-krustaċju nstab tliet darbiet biss fl-aħħar għaxar snin, darbtejn minnhom fil-Mosta. Il-Gamblu ta' l-Elmu jakkwista l-ikel billi jħaffer fil-ħamrija tal-qiegħ tal-għadajjar u jiekol partiċelli organiċi, annimali żgħar u algi. Annimali għawwiema oħra li jgħixu fl-għadajjar jinkludu ż-Żagħrun tal-Għadajjar (*Ceriodaphnia quadrangula*) u ż-Żagħrun Skur (*Pleuroxus letourneuxi*), it-tnejn li huma żgħar ħafna. Iż-Żagħrun Skur jilħaq tul ta' madwar millimetru waqt li ż-Żagħrun tal-Għadajjar għandu tul ta' madwar żewġ millimetri. Dawn jieklu partiċelli organiċi u mikrobi li jiffiltraw mill-ilma. Fil-qiegħ tal-għadajjar jgħixu l-Ostrakodi, krustaċji żgħar li jieklu detriti organiċi. Hemm ħafna annimali oħrajn li jgħixu f'dawn l-għadajjar, fosthom l-imrieżeb taż-żrinġijiet, bosta insetti u invertebrati oħra.

L-ambjent tal-għadira huwa wieħed li, min-natura tiegħu, jsostni varjetà konsiderevoli ta' pjanti. Minħabba li jagħmel parti mis-sena mgħarraq, parti mis-sena niedi u parti mis-sena niexef, jista' jaqdi l-ħtiġijiet ekoloġiċi ta' firxa wiesgħa ta' speċi. Meta l-għadajjar ikunu mgħarrqa jistgħu jiġu kolonizzati minn pjanti ta' l-ilma, dawk li mingħajr ilma ma jgħaddux. Matul il-fażi niedja jkunu okkupati minn pjanti amfibji (pjanti li jistgħu jgħixu mgħarrqa kif ukoll f'ħamrija niedja) u minn pjanti ta' l-art li jissaportu ħamrija mifqugħa bl-ilma waqt li fil-fażi niexfa jitfaċċaw pjanti li ma jkunux speċjalizzati għall-ambjent akkwatiku. Minħabba li ċiklu tal-għadajjar jirrepeti ruħu kull sena, il-pjanti li jgħixu f'dawn l-ambjenti huma karatterizzati minn ċiklu bijoloġiku qasir fejn, bejn meta jinbtu miż-żerriegħa sa meta jarmu l-frott, jgħaddu biss ftit xhur.

Fost il-pjanti ta' l-ilma li jikbru fl-għadajjar f'Tal-Wej hemm il-Ħarira ta' l-Ilma (*Zannichellia melitensis*) li hija endemika għall-Gżejjer Maltin. Il-pjanti amfibji jinkludu ċ-Ċfolloq ta' l-Ilma (*Ranunculus saniculaefolius*), il-Litrum ta' l-Ilma (*Lythrum hyssopifolia*), l-Elatine (*Elatine gussonei*) u d-Damażonju (*Damasonium bourgaei*). Pjanti amfibji jgħixu fl-għadajjar kemm meta dawn ikunu mgħarrqa kemm meta jkunu mingħajr ilma u xi uħud minnhom adattaw għal din is-sitwazzjoni billi jiżviluppaw żewġ tipi ta' weraq; tip wieħed li jidher meta l-pjanta tkun mgħarrqa u tip ieħor li jitfaċċaw meta l-għadira tkun waslet biex tinxef. Id-Damażonju tuża strateġija bħal din, fejn matul il-fażi akkwatika jkollha weraq tawwalin, delikati li jżommu fuq wiċċ l-ilma u meta tasal in-nixfa tiżviluppa weraq ikbar u eħxen. Iċ-Ċfolloq tal-Ilma wkoll għandha żewġ forom ta' weraq; weraq tawwalin u dojoq qishom swaba taħt l-ilma u weraq ikbar u wiesgħa li jżommu fuq wiċċ l-ilma iktar tard fl-istaġun. Pjanti amfibji jibdew iwarrdu meta l-għadajjar ikunu waslu biex jinxfu. L-iktar fjuri prominenti fl-għadajjar huma dawk taċ-Ċfolloq tal-Ilma li, għal ħabta ta' Frar jew Marzu, skond l-istaġun, tiżviluppa zokk tawwali li jfeġġ 'il fuq minn wiċċ l-ilma u jġorr fjura, wiesgħa madwar ċentimetru, bil-petali bojod. Il-pjanti amfibji l-oħra jipproduċu fjuri li jagħtu inqas fil-għajn. Dawk tal-Elatine huma wiesgħa madwar tliet millimetri biss.

Matul il-fażi akkwatika jidhru wkoll xi algi. L-ikbar huma l-karofiti, bħall-Kara (*Chara vulgaris*), u l-algi filamentużi, bħal *Spirogyra, Oedogonium* u *Zygnema*. Il-Kara tista' tilħaq tul ta' għexieren ta' ċentimetri. Tintrabat fil-ħamrija tal-qiegħ u tipproduċi spori żgħar forma ta' bajda meta tersaq in-nixfa. Din l-alga terfa' ħafna karbonat tal-kalċju ($CaCO_3$) ġewwa fiha u meta l-għadira tinxef u l-pjanta tmut u titmermer, il-karbonat tal-kalċju jibqa' fuq wiċċ il-ħamrija tal-qiegħ, qisu skeletru, bl-istess forma li kellha l-alga meta kienet għada ħajja. L-algi filamentużi jinbtu fil-ħamrija tal-qiegħ u jtellgħu massa kbira ta' filamenti twal, qishom xagħar, lejn il-wiċċ ta' l-ilma fejn jinfirxu. Bosta drabi, din il-firxa tkun tant li tgħatti l-wiċċ kollu ta' l-ilma.

### *Il-bniedem u l-ambjent*

Mill-ambjent naturali tal-Mosta baqa' biss ftit irqgħajja iżolati. Il-ħidma tal-bniedem, partikolarment l-agrikultura u ż-żieda fil-bini, qerdet ħafna minn dak li kien jeżisti. Il-ftit li baqa' huwa frammentat u għalhekk mhux kapaċi jiflaħ speċi daqskemm kien jiflaħ qabel. Iżda l-pressjoni fuq il-ftit li baqa' xorta għada għaddejja. Wied il-Għasel huwa eżempju xieraq: partijiet kbar minn dan il-wied inqerdu għal kollox mit-tħaffir tal-barrieri. L-ilma ġieri li kien jgħaddi mill-qiegħ tal-wied għal madwar disa' xhur fis-sena issa kważi sparixxa għal kollox minħabba li l-ilma issa qiegħed jiġi sfruttat xi mkien ieħor. Dan in-nuqqas ta' ilma biddel l-ambjent fiżiku u kimiku ta' qiegħ il-wied u minħabba f'hekk intilfu bosta organiżmi akkwatiċi li kienu jgħixu hemm qabel. Ħidma oħra tal-bniedem bħal rimi ta' l-iskart u rdim bit-terrapien tnaqqas il-kwalità ta' l-ilma u tgħatti u teqred komunitajiet bijoloġiċi. L-irdim ma jseħħx biss fil-widien; f'dawn l-aħħar żminijiet, partijiet mill-wesgħat tal-karst f'Tal-Wej ġew mgħottija bil-ħamrija bir-riżultat li nqerdu ħafna għadajjar bl-organiżmi li kienu jgħixu fihom. Il-fertilizzant u l-pestiċidi li jintużaw fl-agrikultura intensiva jnixxu mill-ħamrija u jniġġsu l-ilma tal-wied u jinbidel l-ambjent ekoloġiku u b'hekk jinqerdu xi organiżmi oħrajn. Dawn huma kollha riżultat taż-żieda fid-daqs tal-popolazzjoni u sa ċertu punt ma jistgħux jiġu evitati faċilment. Minkejja dan għandna nżommu f'moħħna li ppjannar meqjus jista' jsalva dak li baqa' biex jitgawda min-nies t'għada.